MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' April, 2012

Numru 262/2012

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond J. Borg)

vs

Francois Ellul

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 113989M akkuzat talli : f’dawn il-Gzejjer fit- 22 ta’ April 2012, kif ukoll f’dan l-ahhar granet qabel din id-data, f’hinjiet differenti u f’diversi postijiet madwar Malta

1. forna jew prokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-

persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni maghrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimanifattura jew inforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jiprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolamenti 4 tar-regolamenti ta' 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni maghrug mit- Tabib Principali ta' Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola,club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza

mid-drogi bi ksur tal-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula;

5. talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ta’ prigunerija liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LLD nhar il- 31 ta’ Mejju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f’kas ta’ htija tordna lill-imputat sabiex jhallas lir-registratur, ta l-ispejjez kollha jew parti minnhom li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta l-esperti jew periti fil-proceduri, inkuzi dawk ta l-esperti li jkunu gew mahtura fl-istadju tal-process verbal ta’ l-inkjesta, f’dak iz-zmien w f’dak l-ammont bhal ma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 553 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali;

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema tali ammissjoni baqa’ jinsisti anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat jinsab mixli b’traffikar, pussess ta’ kokaina, bid-distanza ta’ mitt metru minn skola jew post fejn normalment jiltaqghu guvintur et, b’recidivita’ u b’ksur ta’ sentenza sospiza.

Reati bhal dawn jimmentaw sentenza ta’ prigunerija effettiva.

l-imputat ghazel li jammetti u tali ammissjoni tieghu hija wahda volontarja u inkondizjonata.

Rat l-Artikolu 22(1) (a) (2) (b) (1) u t-tieni proviso tal-istess tal-Kap 101, l-Artikolu 49, 50, 31, 17 (h), 28B (1) tal-Kap 9.

Issibu hati tar-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

Tikkundannah hames snin prigunerija komplessivi b’dan li s-sentenza sospiza tal-31 ta’ Mejju minn din il-Qorti differentement preseduta ghandha tibda fis-sehh. Oltre tikkundannah ghal €1000 multa.

Tordna li kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------